KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA

Brussell, 13 ta' Awwissu 2012 (20.08)
(OR. en)

13134/12

PUBLIC 50

**NOTA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | SOMMARJU TA' KULL XAHAR TAL-ATTI TAL-KUNSILL MEJJU 2012 |

Dan id-dokument jikkonsisti f'dan li ġej:

– L-ANNESS I fih lista tal-atti adottati mill-Kunsill f'MEJJU 2012 [1] [2].

– L-ANNESS II li fih aktar dettalji dwar l-adozzjoni ta' dawn l-atti. Il-PARTI I tipprovdi informazzjoni dwar l-adozzjoni tal-atti leġislattivi, bħad-data tal-adozzjoni, is-sessjoni rilevanti tal-Kunsill, in-numru tad-dokument adottat, u fejn adatt, ir-regoli applikabbli tal-votazzjoni, ir-riżultati tal-votazzjoni, l-ispjegazzjonijiet dwar il-votazzjoni u d-dikjarazzjonijiet ippubblikati fil-minuti tal-Kunsill. Il-PARTI II tipprovdi informazzjoni li l-Kunsill ikun iddeċieda li jagħmel pubblika dwar l-adozzjoni ta' atti oħrajn.

[1] Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'kamp ta' applikazzjoni limitat bħal deċiżjonijiet proċedurali, ħatriet, deċiżjonijiet ta' korpi stabbiliti bi ftehimiet internazzjonali, deċiżjonijiet bagitarji speċifiċi, eċċ.

[2] Fil-każ tal-atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja, jista' jkun hemm differenza bejn id-data tal-laqgħa tal-Kunsill fejn jiġi adottat l-att leġislattiv u d-data proprja tal-att inkwistjoni, peress li l-atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja jitqiesu li jkunu ġew adottati biss wara l-iffirmar kemm mill-President tal-Kunsill u l-President tal-Parlament Ewropew kif ukoll mis-Segretarji Ġenerali taż-żewġ Istituzzjonijiet.

Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll permezz tal-Internet fuq:

http://consilium.europa.eu/documents/legislative-transparency/monthly-summaries-of-council-acts

Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill fuq: http://consilium.europa.eu/documents/access-to-council-documents-public-register

Għandu jkun innotat li huma biss il-minuti dwar l-adozzjoni definittiva tal-atti leġislattivi li huma awtentiċi. Dawn huma disponibbli permezz tal-Internet fuq:

http://consilium.europa.eu/documents/legislative-transparency/council-minutes

**ANNESS I**

## LISTA TAL-ATTI ADOTTATI MILL-KUNSILL

## F'MEJJU 2012

**It-3163 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji) li saret fi Brussell fit-2 ta' Mejju 2012**

Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 389/2012 tat-2 ta' Mejju 2012 dwar kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tad-dazji tas-sisa u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2073/2004
ĠU L 121, 8.5.2012, p. 1–15

**Proċedura bil-miktub kompletata fit-3 ta' Mejju 2012**

Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/237/PESK tat-3 ta' Mejju 2012 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi li jheddu l-paċi, is-sigurtà jew l-istabbiltà tar-Repubblika tal-Ginea Bissaw
ĠU L 119, 4.5.2012, p. 43–46

Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 377/2012 tat-3 ta' Mejju 2012 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi li jheddu l-paċi, is-sigurtà jew l-istabbiltà tar-Repubblika tal-Ginea Bissaw
ĠU L 119, 4.5.2012, p. 1–8

**It-3164 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Edukazzjoni, Żgħażagħ, Kultura u Sport) li saret fi Brussell fl-10 u l-11 ta' Mejju 2012**

Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)
ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1–123

Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja ulterjuri lill-Ġeorġja
5682/1/12 ADD 1

Regolament (UE) Nru 423/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 dwar ċerti dispożizzjonijiet marbuta mal-kondiviżjoni tar-riskju għal ċerti Stati Membri li qed jesperjenzaw jew huma mhedda b'diffikultajiet serji fejn tidħol l-istabilità finanzjarja tagħhom
ĠU L 133, 23.5.2012, p. 1–6

Regolament (UE) Nru 465/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali u r-Regolament (KE) Nru 987/2009 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004
ĠU L 149, 8.6.2012, p. 4–10

Direttiva 2012/17/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2012 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 89/666/KEE u d-Direttivi 2005/56/KE u 2009/101/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-interkonnessjoni tar-reġistri ċentrali, kummerċjali u tal-kumpanniji
ĠU L 156, 16.6.2012, p. 1–9

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika Demokratika Soċjalista tas-Sri Lanka dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru
8174/12

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Reġjun Amministrattiv Speċjali tal-Makaw tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru
8178/12

Stabbiliment tal-pożizzjoni komuni tal-Unjoni Ewropea għas-37 sessjoni tal-Kunsill ŻEE
9475/12 REV 1 (pl)

Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2001/931/PESK dwar l-applikazzjoni ta ' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2580/2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu
9254/12 ADD 1 REV 1

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-diġitalizzazzjoni u l-aċċessibbiltà fuq l-internet ta' materjal kulturali u l-konservazzjoni diġitali
8832/12 REV 1 (lv) + REV 2 (da) + COR 1 (ro)

Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar il-ġlieda kontra d-doping fl-isport rikreattiv
8838/12 COR 1 + COR 2 (cs) + COR 3 (pl) + COR 4

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kapaċità għall-impjieg tal-persuni ggradwati mill-edukazzjoni u t-taħriġ
9100/12 + REV 1 (el)

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-potenzjal kreattiv u innovattiv taż-żgħażagħ
8700/12 + REV 1 (pl) + REV 1 (el)

**It-3165 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Agrikoltura u Sajd) li saret fi Brussell fl-14 u l-15 ta' Mejju 2012**

2012/374/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2012 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija Volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Ċentru-Afrikana dwar l-infurzar tar-Regolamenti tal-Forestrija, il-Governanza u l-Kummerċ tal-Injam u tal-Prodotti Derivati lejn l-Unjoni Ewropea (FLEGT)
ĠU L 191, 19.7.2012, p. 102–102

2012/373/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2012 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija Volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Liberja dwar l-infurzar tal-liġi tal-foresti, il-governanza u l-kummerċ tal-prodotti tal-injam lejn l-Unjoni Ewropea
ĠU L 191, 19.7.2012, p. 1–1

**It-3167 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji) li saret fi Brussell fil-15 ta' Mejju 2012**

Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 2 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2012 — Pożizzjoni tal-Kunsill
ĠU C 141, 17.5.2012, p. 25–25

2012/280/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2012 li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, fir-rigward tal-awdituri esterni tal-Banque de France
ĠU L 137, 26.5.2012, p. 5–5

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar TARGET 2 - Titoli
9605/1/12 REV 1

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE
7770/12

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-futur tal-VAT - Konklużjonijiet tal-Kunsill
9586/12 COR 1 REV 1 (el, pt, sv)

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Nomini għall-Bord tal-Fond Ekoloġiku għall-Klima
9856/12

Rapport dwar it-Tixjiħ 2012 - Abbozz rivedut ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi fid-dawl tal-popolazzjonijiet li qed jixjieħu
9492/2/12 REV 2

Konklużjonijiet tal-Kunsill riveduti dwar il-Finanzjament tal-Ġlieda kontra t-Tibdil fil-Klima - Finanzjament Rapidu
9017/2/12 REV 2

**It-3168 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Affarijiet Ġenerali) li saret fi Brussell fid-29 ta' Mejju 2012**

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 2/2012: Strumenti finanzjarji għall-SMEs kofinanzjati mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali
10058/12

Tħejjijiet għas-Summit UE-Russja (San Pietruburgu, 3-4 ta' Ġunju 2012)
9828/12

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Kroazja
9861/12

Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/281/PESK tad-29 ta' Mejju 2012 fil-qafas tal-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà b'appoġġ għall-proposta tal-Unjoni għal Kodiċi ta' Kondotta Internazzjonali għall-Attivitajiet fl-Ispazju Extra-atmosferiku
ĠU L 140, 30.5.2012, p. 68–73

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Approċċ Globali għall-Migrazzjoni u l-Mobilità
9417/12

**Proċedura bil-miktub kompletata fid-29 ta' Mejju 2012**

Il-51 sessjoni tal-Kumitat ta' Esperti tal-OTIF dwar it-Trasport ta' Merkanzija Perikoluża skedata fit-30 u l-31 ta' Mejju f'Berna - Koordinament tal-pożizzjoni tal-UE
10367/12

**It-3169 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Kompetittività) li saret fi Brussell fit-30 u l-31 ta' Mejju 2012**

Regolament (UE) Nru 531/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2012 dwar roaming fuq netwerks pubbliċi ta' komunikazzjoni mobbli fi ħdan l-Unjoni (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)
ĠU L 172, 30.6.2012, p. 10–35

Regolament (UE) Nru 529/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2012 li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1342/2007 dwar l-amministrazzjoni ta' ċerti restrizzjonijiet fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar mill-Federazzjoni Russa
ĠU L 172, 30.6.2012, p. 1–2

Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea
PE-CONS 19/12

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Suq Uniku Diġitali u l-Governanza tas-Suq Uniku
9958/12

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Sħubiji Ewropej għall-Innovazzjoni
10220/12

**It-3170 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Affarijiet Barranin/Kummerċ) li saret fi Brussell fil-31 ta' Mejju 2012**

2012/292/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2012 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar il-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi ta' prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel
ĠU L 147, 7.6.2012, p. 1–1

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja, tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kolombja u l-Perù, min-naħa l-oħra
14759/11 REV 1 (cs)

Stabbiliment tal-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea għat-8 laqgħa tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni (Brussell, 6 ta' Ġunju 2012)

10534/12

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-djalogu mal-Georġja dwar il-viża
10377/12

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-preżentazzjoni mill-Unjoni Ewropea ta' emenda lill-Appendiċi III tal-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fi Speċi Pperikolati ta' Fawna u Flora Selvaġġi (CITES)
9494/12

**Proċedura bil-miktub kompletata fil-31 ta' Mejju 2012**

Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/285/PESK tal-31 ta' Mejju 2012 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi li jheddu l-paċi, is-sigurtà jew l-istabbiltà tar-Repubblika tal-Ginea Bissaw u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 2012/237/PESK

ĠU L 142, 1.6.2012, p. 36–46

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 458/2012 tal-31 ta' Mejju 2012 li jimplimenta l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) Nru 377/2012 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi li jheddu l-paċi, is-sigurtà jew l-istabbiltà tar-Repubblika tal-Ginea Bissaw

ĠU L 142, 1.6.2012, p. 11–15

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI<br>MEJJU 2012 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TA' VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| **It-3163 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji) li saret fi Brussell fit-2 ta' Mejju 2012** | | | |
| Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 389/2012 tat-2 ta' Mejju 2012 dwar kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tad-dazji tas-sisa u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2073/2004 | 7314/12 | Unanimità | L-Istati Membri kollha favur |
| **It-3164 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Edukazzjoni, Żgħażagħ, Kultura u Sport) li saret fi Brussell fl-10 u l-11 ta' Mejju 2012** | | | |
| Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) | PE-CONS 3/2/12 REV 2 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur, ħlief:<br>astensjoni: CZ, AT<br>kontra: DK |
| Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja ulterjuri lill-Ġeorġja | 5682/1/12 REV 1 ADD 1 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Regolament (UE) Nru 423/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 dwar ċerti dispożizzjonijiet marbuta mal-kondiviżjoni tar-riskju għal ċerti Stati Membri li qed jesperjenzaw jew huma mhedda b'diffikultajiet serji fejn tidħol l-istabilità finanzjarja tagħhom | PE-CONS 15/1/12 REV 1 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali u r-Regolament (KE) Nru 987/2009 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 | PE-CONS 15/12 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur, ħlief<br>astensjoni: IE |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI<br>MEJJU 2012 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TA' VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| Direttiva 2012/17/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2012 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 89/666/KEE u d-Direttivi 2005/56/KE u 2009/101/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-interkonnessjoni tar-reġistri ċentrali, kummerċjali u tal-kumpanniji | PE-CONS 5/12 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| **Statement by the Council**<br>"Din id-Direttiva u l-arranġamenti ta' finanzjament meħtieġa għaliha huma mingħajr preġudizzju għan-negozjati li għaddejjin għall-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss. Barra minn hekk, kwalunkwe finanzjament meħtieġ għal din id-Direttiva fil-qafas finanzjarju attwali għandu jittieħed kollu kemm hu mill-approprjazzjonijiet tal-baġit eżistenti." | | | |
| **It-3167 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji) li saret fi Brussell fil-15 ta' Mejju 2012** | | | |
| Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 2 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2012 — pożizzjoni tal-Kunsill | 9556/12 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur, ħlief:<br>astensjoni: UK |
| **It-3169 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Kompetittività) li saret fi Brussell fit-30 u l-31 ta' Mejju 2012** | | | |
| Regolament (UE) Nru 531/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2012 dwar roaming fuq netwerks pubbliċi ta' komunikazzjoni mobbli fi ħdan l-Unjoni (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) | PE-CONS 20/12<br>COR 1 (de) | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI<br>MEJJU 2012 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TA' VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| Regolament (UE) Nru 529/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2012 li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1342/2007 dwar l-amministrazzjoni ta' ċerti restrizzjonijiet fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar mill-Federazzjoni Russa | PE-CONS 17/12 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea | PE-CONS 19/12 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN<br>MEJJU 2012 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| **Proċedura bil-miktub kompletata fit-3 ta' Meju 2012**<br>Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/237/PESK tat-3 ta' Mejju 2012 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi li jheddu l-paċi, is-sigurtà jew l-istabbiltà tar-Repubblika tal-Ginea Bissaw<br>5246/2/11 ADD 1 REV 2<br>Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 377/2012 tat-3 ta' Mejju 2012 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi li jheddu l-paċi, is-sigurtà jew l-istabbiltà tar-Repubblika tal-Ginea Bissaw<br>5256/11 ADD 1 REV 2 | |
| **It-3164 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Edukazzjoni, Żgħażagħ, Kultura u Sport) li saret fi Brussell fl-10 u l-11 ta' Mejju 2012**<br>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika Demokratika Soċjalista tas-Sri Lanka dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru<br>8174/12 | |
| **Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kunsill u l-Kummissjoni**<br>"Fost oħrajn għal raġunijiet prammatiċi, l-Unjoni għandha preferibbilment tikkonkludi waħedha l-Ftehim mal-Gvern tar-Repubblika Soċjalista Demokratika tas-Sri Lanka dwar ċerti aspetti tas-servizzi bl-ajru. L-istess konsiderazzjonijiet japplikaw fir-rigward ta' ftehimiet simili dment li jiġu konklużi f'konformità u fil-limiti tal-mandat dwar is-sostituzzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet fil-ftehimiet bilaterali eżistenti adottati bid-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2003.<br>Din id-Deċiżjoni ma tikkostitwixxix preċedent fir-rigward tal-eżerċizzju tal-kompetenzi rispettivi tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha fir-rigward ta' ftehimiet oħrajn li mhumiex dawk imsemmija hawn fuq, bħal pereżempju, ftehimiet tat-tip previst mid-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2003 li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati mal-Istati Uniti fil-qasam tat-trasport bl-ajru, li għandhom jiġu konklużi bħala ftehimiet imħallta.<br>Din id-Deċiżjoni ma toħloq l-ebda kompetenza ġdida tal-Unjoni fir-rigward ta' ftehimiet esterni dwar is-servizzi bl-ajru, u lanqas ma taffettwa d-diviżjoni tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha." | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN<br>MEJJU 2012 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Reġjun Amministrattiv Speċjali tal-Makaw tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru<br>8178/12 | |
| **Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kunsill u l-Kummissjoni**<br>"Għal raġunijiet prammatiċi fost oħrajn, huwa preferibbli li l-Unjoni waħedha għandha tikkonkludi l-Ftehim mar-Reġjun Amministrattiv Speċjali tar-Repubblika tal-Makaw tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru. L-istess konsiderazzjonijiet japplikaw fir-rigward ta' ftehimiet simili dment li jiġu konklużi f'konformità u fil-limiti tal-mandat dwar is-sostituzzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet fil-ftehimiet bilaterali eżistenti adottati bid-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2003.<br>Din id-Deċiżjoni ma tikkostitwixxix preċedent fir-rigward tal-eżerċizzju tal-kompetenzi rispettivi tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha fir-rigward ta' ftehimiet oħrajn li mhumiex dawk imsemmija hawn fuq, bħal pereżempju, ftehimiet tat-tip previst mid-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2003 li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati mal-Istati Uniti fil-qasam tat-trasport bl-ajru, li għandhom jiġu konklużi bħala ftehimiet imħallta.<br>Din id-Deċiżjoni ma toħloq l-ebda kompetenza ġdida tal-Unjoni fir-rigward ta' ftehimiet esterni dwar is-servizzi bl-ajru, u lanqas ma taffettwa d-diviżjoni tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha." | |
| Stabbiliment tal-pożizzjoni komuni tal-Unjoni Ewropea għas-37 sessjoni tal-Kunsill ŻEE<br>9475/12 COR 1 REV 1 (pl) | |
| Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2001/931/PESK dwar l-applikazzjoni ta ' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2580/2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu<br>9254/12 ADD 1 REV 1 | |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-diġitalizzazzjoni u l-aċċessibbiltà fuq l-internet ta' materjal kulturali u l-konservazzjoni diġitali<br>8832/12 REV 1 (lv) + REV 2 (da) + COR 1 (ro) | |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar il-ġlieda kontra d-doping fl-isport rikreattiv<br>8838/12 COR 1 + COR 2 (cs) + COR 3 (pl) + COR 4 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN<br>MEJJU 2012 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kapaċità għall-impjieg tal-persuni ggradwati mill-edukazzjoni u t-taħriġ<br>9100/12 + REV 1 (el) | |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-potenzjal kreattiv u innovattiv taż-żgħażagħ<br>8700/12 + REV 1 (pl) + REV 1 (el) | |
| **It-3165 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Agrikoltura u Sajd) li saret fi Brussell fl-14 u l-15 ta' Mejju 2012** | |
| 2012/374/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2012 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija Volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Ċentru-Afrikana dwar l-infurzar tar-Regolamenti tal-Forestrija, il-Governanza u l-Kummerċ tal-Injam u tal-Prodotti Derivati lejn l-Unjoni Ewropea (FLEGT)<br>14034/11 | |
| 2012/373/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2012 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija Volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Liberja dwar l-infurzar tal-liġi tal-foresti, il-governanza u l-kummerċ tal-prodotti tal-injam lejn l-Unjoni Ewropea<br>11104/11 | |
| **It-3167 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji) li saret fi Brussell fil-15 ta' Mejju 2012** | |
| 2012/280/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2012 li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, fir-rigward tal-awdituri esterni tal-Banque de France<br>8616/12 | |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar TARGET 2 - Titoli<br>9605/1/12 REV 1 | |
| Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE<br>7770/12 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN<br>MEJJU 2012 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-futur tal-VAT - Konklużjonijiet tal-Kunsill<br>9586/12 COR 1 REV 1 (el, pt, sv) | |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Nomini għall-Bord tal-Fond Ekoloġiku għall-Klima<br>9856/12 | |
| Rapport dwar it-Tixjiħ 2012 - Abbozz rivedut ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi fid-dawl tal-popolazzjonijiet li qed jixjieħu<br>9492/2/12 REV 2 | |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill riveduti dwar il-Finanzjament tal-Ġlieda kontra t-Tibdil fil-Klima - Finanzjament Rapidu<br>9017/2/12 REV 2 | |
| **It-3168 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Affarijiet Ġenerali) li saret fi Brussell fid-29 ta' Mejju 2012** | |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 2/2012: Strumenti finanzjarji għall-SMEs kofinanzjati mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali<br>10058/12 | |
| Tħejjijiet għas-Summit UE-Russja (San Pietruburgu, 3-4 ta' Ġunju 2012)<br>9828/12 | |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Kroazja<br>9861/12 | |
| Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/281/PESK tad-29 ta' Mejju 2012 fil-qafas tal-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà b'appoġġ għall-proposta tal-Unjoni għal Kodiċi ta' Kondotta Internazzjonali għall-Attivitajiet fl-Ispazju Extra-atmosferiku<br>9181/12 | |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Approċċ Globali għall-Migrazzjoni u l-Mobilità<br>9417/12 | |
| **Proċedura bil-miktub kompletata fid-29 ta' Mejju 2012** | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN<br>MEJJU 2012 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| Il-51 sessjoni tal-Kumitat ta' Esperti tal-OTIF dwar it-Trasport ta' Merkanzija Perikoluża skedata fit-30 u l-31 ta' Mejju f'Berna - Koordinament tal-pożizzjoni tal-UE<br>10367/12 | L-Istati Membri kollha favur ħlief:<br>Astensjoni: CY, PT, PL |

**Dikjarazzjoni mill-Italja dwar il-pożizzjoni tal-UE għal-laqgħa tal-Kumitat ta' Esperti tar-RID tat-30 u l-31 ta' Mejju 2012**

"Filwaqt li tirrispetta l-fehmiet espressi mill-Istati Membri fil-laqgħa reċenti tal-Kumitat tat-Trasport ta' Merkanzija Perikoluża tat-22 ta' Mejju 2012, l-Italja tixtieq tiddikjara li wara l-inċident ta' Viareggio l-Korp Nazzjonali ta' Investigazzjoni (NIB) Taljan ħareġ rakkomandazzjoni speċifika għall-introduzzjoni ta' tagħmir minn dan fuq vaguni li jittrasportaw merkanzija perikoluża, li tindika li għandha tingħata PRIJORITÀ lill-adozzjoni obbligatorja tat-tagħmir, mill-eqdem vaguni sa dawk l-aktar reċenti, kif ukoll dawk ġodda fjamanti.

Dan sar għal żewġ raġunijiet, li ssemmew ukoll mill-Korp Nazzjonali ta' Investigazzjoni Taljan f'laqgħat internazzjonali reċenti:

(1) il-konsegwenzi tal-inċident ta' Viareggio probabbilment kienu jkunu ferm iżgħar kieku l-anomalija inizjali fit-tħaddim tal-ferrovija kienet ġiet żvelata mit-tagħmir li bih, permezz tal-ibbrejkjar awtomatiku, ikun hemm tnaqqis immedjat fl-enerġija kinetika tal-vagun u l-ferrovija;

(2) l-adozzjoni ta' dan it-tagħmir bi pjan tal-istallazzjoni tista' sseħħ fi żmien relattivament qasir u b'nefqa negliġibbli (EUR 1000 sa 2000 għal kull vagun ferrovjarju) imqabbel mal-valur kummerċjali tal-vaguni ferrovjarji.

L-Italja tosserva wkoll li l-obbligu tal-adozzjoni tad-DDDs fuq il-vaguni ma jikkaġunax distorsjoni tas-suq kif issupponiet l-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea (li r-rapport tagħha ttieħed bħala bażi mill-Kummissjoni Ewropea biex tilħaq il-pożizzjoni tagħha kontra d-DDDs); NUQQAS ta' adozzjoni joħloq distorsjoni bl-ordnijiet għall-provvista u l-manutenzjoni li jkunu qed jiġu kkonċentrati fuq l-operaturi li joffru livell ta' sikurezza li huwa biss fil-limiti l-aktar baxxi tal-prattika tajba.

Għaldaqstant, sakemm tiġi implimentata s-sistema ta' manutenzjoni obbligatorja tal-komponenti fundamentali tas-sikurezza – li hu s-suġġett tar-rakkomandazzjoni tan-NIB Taljan rigward l-inċident ta' Viareggio - f'qafas leġislattiv ġdid, l-adozzjoni tat-tagħmir tad-DDDs tkun soluzzjoni faċli u ekonomika.

L-adozzjoni fuq bażi volontarja jista' jkollha r-riskju ta' awtoselezzjoni mill-produtturi tal-vaguni u tas-sidien tal-vaguni li jistgħu jippreferu jagħmlu użu minn ħwienet ta' manutenzjoni bi spejjeż baxxi u, għal raġunijiet purament kummerċjali ta' tnaqqis tal-ispejjeż, li jeliminaw miżuri ta' sikurezza utli potenzjali.

Waqt li tinnota l-eżitu tal-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill tal-24 ta' Mejju dwar is-suġġett tad-DDDs, l-Italja TTENNI l-pożizzjoni soda tagħha favur l-adozzjoni tad-DDDs fuq il-vaguni ferrovjarji kollha li jittrasportaw merkanzija perikoluża, b'urġenza partikolari fil-każ tal-vaguni l-aktar qodma; u tittama li fil-futur il-Kummissjoni tkun tista' tadotta approċċ vinkolanti."

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN<br>MEJJU 2012 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| **It-3169 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Kompetittività) li saret fi Brussell fit-30 u l-31 ta' Mejju 2012**<br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Suq Uniku Diġitali u l-Governanza tas-Suq Uniku<br>9958/12<br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Sħubiji Ewropej għall-Innovazzjoni<br>10220/12 | |
| **It-3170 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Affarijiet Barranin/Kummerċ) li saret fi Brussell fil-31 ta' Mejju 2012**<br>2012/292/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2012 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar il-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi ta' prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel<br>8739/12<br>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja, tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kolombja u l-Perù, min-naħa l-oħra<br>14759/11 REV 1 (cs) | |
| **Dikjarazzjoni mill-Kunsill**<br>"Fil-każ li l-implimentazzjoni tal-ftehim mill-Unjoni Ewropea tkun teħtieġ rikors għal miżuri skont il-Parti III, it-Titolu V, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-dispożizzjonijiet tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ser jiġu rrispettati kompletament." | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN<br>MEJJU 2012 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |

**Dikjarazzjoni mir-Renju Unit**

"Meta dispożizzjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja jkunu inklużi fi ftehim tal-Unjoni dawn ma jorbtux lir-Renju Unit bħala parti mill-Unjoni ħlief meta huwa jkun innotifika x-xewqa tiegħu li jipparteċipa fid-Deċiżjoni tal-Kunsill rilevanti biex jiffirma u jikkonkludi l-ftehim, f'konformità mal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja. Fl-assenza ta' notifika, tali dispożizzjonijiet jorbtu lir-Renju Unit fil-kapaċità nazzjonali tiegħu meta l-ftehim rilevanti huwa ftehim imħallat u r-Renju Unit u l-Unjoni huma partijiet għall-ftehim skont l-isferi ta' kompetenza rispettivi tagħhom."

**Dikjarazzjoni mir-Renju Unit, il-Latvja, ir-Rumanija u l-Ġermanja**

"Ir-Renju Unit, il-Latvja, ir-Rumanija u l-Ġermanja jinnotaw li, sa fejn din id-Deċiżjoni tal-Kunsill tipprevedi applikazzjoni proviżorja tal-oqsma ta' kompetenza kondiviżi bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha, dan ma jipprekludix lill-Istati Membri milli jaġixxu f'dawk l-oqsma ta' kompetenza lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-ftehim, soġġett għall-obbligu ta' kooperazzjoni sinċiera."

**Dikjarazzjoni mill-Ungerija**

"L-Ungerija tinnota li, jekk ikun meħtieġ li temenda l-leġislazzjoni domestika tagħha għall-applikazzjoni proviżorja mill-Unjoni Ewropea ta' dawk il-partijiet tal-Ftehim ta' Kummerċ (bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha u l-Perù u l-Kolombja) koperti b'kompetenza kondiviża, tali emendi għandhom isiru, minħabba n-natura tal-ordni legali tagħha, flimkien mal-proċess ta' ratifika nazzjonali, li l-Ungerija ser tniedi mill-aktar fis possibbli. Fil-każ li tinqala' xi problema fir-rigward ta' kwalunkwe emenda meqjusa meħtieġa, l-Ungerija ser tikkonsulta mal-Kummissjoni Ewropea bil-ħsieb li tiżgura l-applikazzjoni proviżorja in bona fede tal-Ftehim."

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea**

"Il-Kummissjoni tieħu nota tad-dikjarazzjoni mill-Ungerija u tfakkar fil-pożizzjoni tagħha li s-suġġetti kollha koperti mill-Ftehim ta' Kummerċ mal-Perù u l-Kolombja, u b'hekk mid-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni proviżorja, jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni (Artikolu 207 TFUE u Artikoli 91 u 100 TFUE flimkien mal-Artikolu 3(2) TFUE). Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma tipprevedix li jista' jkun meħtieġ li jinbdew proċedimenti skont l-Artikolu 258 TFUE fir-rigward ta' nuqqas tal-implimentazzjoni ta' dik id-deċiżjoni f'qasam ta' kompetenza kondiviża."

**Dikjarazzjoni mill-Awstrija**

"Fir-rigward tal-applikazzjoni proviżorja mill-Unjoni Ewropea tal-Ftehim ta' Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kolombja u l-Perù, min-naħa l-oħra, ir-Repubblika tal-Awstrija tiddikjara li hija ma tistax timplimenta dawk il-partijiet tal-Ftehim li jinvolvu kompetenzi tal-Istati Membri ħlief wara li jkunu tlestew il-proċeduri interni kollha meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim. Ir-Repubblika tal-Awstrija ser tniedi malajr kemm jista' jkun il-proċeduri interni tagħha u, jekk tinqala' xi problema, ser tikkonsulta mal-Kummissjoni Ewropea."

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN<br>MEJJU 2012 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea**
"Il-Kummissjoni tieħu nota tad-dikjarazzjoni mir-Repubblika tal-Awstrija u tfakkar fil-pożizzjoni tagħha li s-suġġetti kollha koperti mill-Ftehim ta' Kummerċ mal-Perù u l-Kolombja, u b'hekk mid-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni proviżorja, jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni (Artikolu 207 TFUE u Artikoli 91 u 100 TFUE flimkien mal-Artikolu 3(2) TFUE). Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma tipprevedix li jista' jkun meħtieġ li jinbdew proċedimenti skont l-Artikolu 258 TFUE fir-rigward ta' nuqqas tal-implimentazzjoni ta' dik id-deċiżjoni f'qasam ta' kompetenza kondiviża."

**Dikjarazzjoni mill-Portugall**
"Abbażi tar-rispett tal-kompetenzi allokati bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, kif definit fit-Trattati, id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Kummerċ bejn l-UE u l-Kolombja u l-Perù ma għandhiex taffettwa l-awtonomija ta' deċiżjoni tal-Portugall dwar il-kwistjonijiet ta' kompetenza nazzjonali tiegħu, li d-deċiżjoni tiegħu li jkun marbut mill-Ftehim tiddependi fuq il-konklużjoni tal-proċeduri ta' ratifika interni, f'konformità mal-prinċipji u r-regoli Kostituzzjonali."

**Dikjarazzjoni mill-Isvezja**
"L-Isvezja tinnota li, f'konformità mar-regoli kostituzzjonali tagħha, ser ikun meħtieġ li temenda l-leġislazzjoni domestika tagħha għall-applikazzjoni proviżorja mill-Unjoni Ewropea tal-Artikoli 189 u 290 tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-UE u l-Kolombja u l-Perù. L-Isvezja tinnota wkoll li hija ser tibda bl-emendi meħtieġa malajr kemm jista' jkun."

**Dikjarazzjoni mill-Finlandja**
"Fir-rigward tal-applikazzjoni proviżorja mill-Unjoni Ewropea tal-Ftehim ta' Kummerċ bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha u l-Kolombja u l-Perù, il-Finlandja tiddikjara li hija ma tistax timplimenta dawk il-partijiet tal-Ftehim li jinvolvu kompetenzi tal-Istati Membri ħlief wara li jkunu tlestew il-proċeduri interni kollha meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim."

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea**
"Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-Artikolu 201 tal-Ftehim ta' Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kolombja u l-Perù, min-naħa l-oħra, li jittratta l-Protezzjoni tal-Bijodiversità u l-Għarfien Tradizzjonali ma jitlobx lill-Istati Membri tal-UE biex jadottaw miżuri leġislattivi addizzjonali ta' implimentazzjoni."

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea**
"Il-Kummissjoni ttenni l-pożizzjoni tagħha li s-suġġetti kollha koperti mill-Ftehim ta' Kummerċ mal-Perù u l-Kolombja jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni (Artikolu 207 TFUE u Artikoli 91 u 100 TFUE flimkien mal-Artikolu 3(2) TFUE). Għaldaqstant, il-Kummissjoni jiddispjaċiha dwar id-deċiżjoni unanima tal-Kunsill li tiġi emendata l-proposta tal-Kummissjoni, li kienet tipprevedi l-iffirmar tal-ftehim mill-Unjoni biss, sabiex il-ftehim ikun iffirmat bħala ftehim imħallat mill-Unjoni u l-Istati Membri."

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN<br>MEJJU 2012 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| Stabbiliment tal-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea għat-8 laqgħa tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni (Brussell, 6 ta' Ġunju 2012)<br>10534/12 | |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-djalogu mal-Georġja dwar il-viża<br>10377/12 | |
| Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-preżentazzjoni mill-Unjoni Ewropea ta' emenda lill-Appendiċi III tal-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fi Speċi Pperikolati ta' Fawna u Flora Selvaġġi (CITES)<br>9494/12 | |
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**<br>Il-Kummissjoni tilqa' l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill iżda jiddispjaċiha li l-Kunsill iddevja mill-proposta tal-Kummissjoni dwar il-bażi legali. | |
| **Proċedura bil-miktub kompletata fil-31 ta' Mejju 2012** | |
| Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/285/PESK tal-31 ta' Mejju 2012 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi li jheddu l-paċi, is-sigurtà jew l-istabbiltà tar-Repubblika tal-Ginea Bissaw u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 2012/237/PESK<br>10285/12 ADD 1 REV 1 | |
| Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 458/2012 tal-31 ta' Mejju 2012 li jimplimenta l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) Nru 377/2012 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi li jheddu l-paċi, is-sigurtà jew l-istabbiltà tar-Repubblika tal-Ginea Bissaw<br>10287/12 ADD 1 REV 1 | |